15 ta' Marzu, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Avv. Dr. Giuseppe Maria Camilleri et.**

*versus*

**Avv. Dr. Giuseppe Vella ne.**

**Tassazzjoni — Ritassa — Kuntratt — Nullità — Rexissjoni.**

*F'kawżi ta' nullità jew rexissjoni ta' kuntratt, għax simulat jew magħmul in frodi għad-drittijiet ta' ħadd ieħor, it-tassazzjoni tad-drittijiet issir "ad valorem" fil-każ li l-azzjoni għall-annullament jew rexissjoni ssir minn wieħed mill-kontraenti li ħadu parti fil-kuntratt, u mhux ukoll meta tiġi proposta minn terz interessat li jottjeni d-dikjarazzjoni tan-nullità jew rexissjoni. F'dan l-aħħar każ it-tassazzjoni ssir bħala sempliċi artikolu jew dikjarazzjoni.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fejn talbu li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, u wara li ppremettew li huma kienu d-difensuri ta' l-attur fil-kawża "Angelo Grima vs. Salvatore Cini et." quddiem dik il-Qorti ċeduta fis-16 ta' Diċembru 1946, u li l-konvenut Dottor Vella nomine intaxxa lill-attur Dr. Camilleri dritt ta' £3 u lil P.L. Edoardo Bugeja d-dritt ta' £1 għaċ-ċessjoni ta' dik il-kawża, kif jirriżulta mit-taxxa (dok. A), liema tassazzjoni hija erronea peress illi lilhom imiss dritt tassabili "ad valorem" l-mitat però għas-somma ta' £625 (li tirrappreżenta l-interess li kellu l-imsemmi Angelo Grima f'dik il-kawża), u mhux ġa dritt għal sempliċi dikjarazzjoni kif ġie mill-konvenut reġistratur taxxat, skond il-prospett (dok. B) li hu kopja tat-tassazzjoni oriġinarja; talbu li tiġi ordnata r-ritassa tad-drittijiet taxxati lilhom għall-imsemmija kawża, fis-sens li d-dritt ta' l-Avukat Dr. Camilleri u dak tal-P.L. Bugeja jiġu taxxati "ad valorem" fuq £625 f'lok bħala sempliċi artikolu skond il-prospett (dok. C), jew fi kwalun-

kwe ammonti, jew b'mod ieħor kif jiġi stabbilit minn din il-Qorti; billi l-konvenut reġistratur jiġi kundannat jirrilaxxjalhom taxxa ġdida korretta f'lok dika eżibita (dok. A). Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fil-11 ta' April 1947, fejn ċaħdet it-talba attriċi bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi t-talba ta' l-attur Angelo Grima fil-kawża in kwistjoni ġiet konċepita fis-sens li "jiġi annullat in kwantu huwa s'mulat, u revokat in kwantu jista' jkun reali, billi magħmul frawdolentement biex jippreġudika d-drittijiet ta' l-attur", il-kuntratt magħmul bejn Salvatore Cini u wliedu Luigi u Maria miżżewġin Cini u Giuseppe u Giorgia aħwa Cini fl-attijiet tan-Nutar Giuseppe Saydon fis-16 ta' Frar 1944, fejn Angelo Grima ma kienx parti u fejn lanqas jippretendi li kellu sehem;

Ill' ma jidherx li hemm dubju illi dina t-talba kienet intiża sabiex l-attur Grima jinnewtralizza l-azzjoni ipotekarja promossa kontra tiegħu minn ulied Salvu Cini bħala kredituri ipotekarji ta' missierhom, wara li huwa (Salvu Cini) kien addivjena għall-kuntratt tal-bejgħ ta' l-aħħar fond li kellu fuq is-sentenza ta' dina l-Qorti tad-29 ta' Mejju 1944 (ara ċitaz. nru. 476/44, "Grima vs. Salvu Cini et." u ċitazz. 380/44 "Luigi Cini vs. Angelo Grima" fuq imsemmijin);

Illi sabiex Grima jirnexxi fl-iskop tiegħu ried li fil-konfronti tiegħu l-att magħmul għand in-Nutar Saydon jiġi jew dikjarat null jew revokat, anki jekk bejn il-kontraenti kien reali, u dana minħabba fil-preġudizzju li seta jsofri minħabba f'dak l-istess kuntratt, preżumibilment in bażi għall-art. 1044 tal-Kodiċi Ċivili, fejn jingħad li l-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal ħadd ieħor ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi;

Illi l-preġudizzju li, se maj, seta' jsofri l-attur Grima in forza tal-kuntratt imsemmi li huwa attakka f'dina l-kawża ma kienx jirrigwarda l-proprjetà tal-fond in kwistjoni bħala li l-istess proprjetà ġiet trasferita lilu ħażin minn Salvu Cini.

jew bħala li kien hemm xi kwistjoni oħra fuq il-proprjetà tiegħu, imma biss dak il-preġudizzju li bis-saħħa ta' l-azzjoni ipotekarja promossa fil-ġudizzju l-ieħor huwa seta' jiġi privat mill-fond in kwantu l-istess kien soġġett għall-ipoteka anterjuri tat-tfal ta' Salvu Cini; u jekk f'dana l-ġudizzju ipotekarju, li huwa ried bil-kawża in kwistjoni jinnewtralizza, it-tassazzjoni ssir bħala artikolu (ara Appell Kummerċjali "Tabone vs. Rapinett", 12 ta' Mejju 1905), fl-azzjoni preordinata għall-eżitu favorevoli ta' dak il-ġudizzju ipotekarju ma tistax analoġikament ma tkunx hekk ukoll taxxata, ammenokkè ma rridux naqgħu fl-assurdità li l-azzjoni principali tkun taxxata bħala sempliċi dikjarazzjoni u l-azzjoni preordinata, li minnha titnissel il-principali, tkun taxxata "ad valorem";

Illi t-talba ta' Angelo Grima kienet sostanzjalment tammonta għad-dikjarazzjoni "di fatto" li dak il-kuntratt, appartí s-simulazzjoni anki jekk validu bejn il-kontraenti, ma kellux u ma għandux ikun ta' preġudizzju lil Grima, li ma ħax parti fih, jekk sar frawdolentement in forza ta' l-artikolu tal-liġi ċivili fuq imsemmi, u għalhekk kien applikabili n-numru 10 ta' l-iskeda "A" tat-Tariffa, fejn jinsabu l-prinċipji li fuqhom huma regolati wkoll id-drittijiet tad-difensuri;

Illi n-numru 16 tat-Tariffa, li jirregola t-tassazzjoni "ad valorem", u li evidentement iridu jibbażaw fuqu l-azzjoni tagħhom l-atturi f'dina l-kawża, jikkontempla n-nullitajiet u rexissjonijiet fuq talba tal-kontraenti fis-sens ta' l-artikoli 1111 u 1112 tal-Kodiċi Ċivili, u mhux meta dik it-talba tiġi magħmula u mitluba, bħal każ in diżamina, minn tielet persuna interessata, bħal ma kien Angelo Grima (ara Appell 20 ta' Jannar 1871, "Michele Falzon et. vs. Dr. Federico Borg ne. u Carmela They". Vol. V, pag. 469);

Illi s-sentenza ċitata mill-atturi, Prim'Awla "Bellizzi vs. Xuereb" tal-4 ta' Diċembru 1892 (recte 1882), Vol. IX, paġina 813, ma tidherx li għandha x'taqsam, l-għaliex il-kwistjoni allura kienet tirraġġira rubba fuq dikjarazzjoni li ċerti beni soġġetti għal xi fedekommess kienu eżenti mill-azzjoni tal-kredituri;

Illi ta'biet simili huma regolati "ad valorem" għat-tas-

sazzjoni jidher ċar min-numru 11 tat-tariffa, kif jidher ukoll mis-sentenza ta' l-Appell tal-11 ta' Ġunju 1883 "Caruana Bugeja vs. Xuereb" (Vol. X, pag. 158);

Illi kwindi, la darba l-kawża promossa minn Grima, u li fuqha hemm kwistjoni fuq it-tassazzjoni, qatt ma kienet tagħti lok għal passaġġ ta' flus jew trasferiment ta' proprjetà, għamel tajjeb il-konvenut nomine li ntaxxaha bħala artikolu "di fatto", jew sempliċi dikjarazzjoni, u konsegwentement it-talba attriċi mhix legalment sostenibili;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u l-petizzjoni tagħhom fejn talbu illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u t-talba ta' l-atturi tiġi milqugħa, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-azzjoni li kienet proposta kienet dik ta' simulazzjoni, fis-sens illi dak il-kuntratt sar apparentement biss bejn iddebitur u t-tfal tiegħu, u l-azzjoni pawljana peress li anki jekk huwa reali dak il-kuntratt sar in frodi għad-drittijiet tal-persuna li kienet xtrat il-post. L-appellanti ssottomettew illi huwa applikabbli għal dan il-każ in-numru 16 tat-Tariffa "A", li jsemmi kawżi ta' nullità jew rexissjoni. Iżda dina d-dispożizzjoni ġiet interpretata minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha in re "Falzon vs. Dr. Federico Borg" fl-20 ta' Jannar 1871 (Kollez. Vol. V, paġ. 470), fis-sens illi dik id-dispożizzjoni tikkontempla "il caso di nullità o rescissione di un contratto a domanda di uno dei contraenti, nel senso degli articoli 74 e 75 dell'Ordinanza V del 1859 vigente al tempo del contratto indicato nella domanda su menzionata"; u peress f'dak il-każ it-talba kienet magħmula mhux minn wieħed millkontraenti, iżda minn terz interessat bħal każ in eżami, u allura t-talba "sebbene espressa in termini da importare che il contratto seguito tra i convenuti dovrebbe essere giudicato inattendibile e di nessun effetto, non ammontava sostanzialmente ad altro che alla domanda di dichiarazione che il detto contratto non debba essere ritenuto come di pregiudizio ai loro interessi, non ostante la sua piena validità tra i convenuti che erano i contraenti". Ir-raġuni ta' dana huwa illi

dawn l-azzjonijiet in kwantu jkunu diretti minn għand terz interessat ikunu intiżi biex dana ma jsibx preġudizzju għad-drittijiet tiegħu; kif fil-każ, peress illi l-konvenuti f'dik il-kawża, li kienu jidhru kredituri, kienu ġew 'il quddiem kontra t-terz possessur per mezz ta' l-azzjoni ipotekarja in forza ta' dak il-kuntratt; iżda, salva l-eżistenza ta' dak il-kuntratt fir-rapporti bejn il-partijiet, l-attur f'dik il-kawża ried sostanzjalment dikjarazzjoni illi dak il-kuntratt ma jistax ikun ta' preġudizzju għalih, jew għaliex simulat jew għaliex sar in frode tad-drittijiet tiegħu iżda n-nullità jew ir-rexissjoni, vera u proprja, kif trid il-liġi, peress li mhijiex mitluba minn wieħed mill-kontraenti ma kenitx oġġett ta' dik l-azzjoni;

Għalhekk dik id-dispożizzjoni ma tidherx li hija applikabili. U lanqas jidher li kien hemm l-ebda passaġġ ta' proprjetà favur id-debitur, għaliex, kif intqal iżjed 'il fuq, salva d-dikjarazzjoni illi dak il-kuntratt ma jkunx preġudizzjevoli lill-attur terz possessur, il-kuntratt bejn il-partijiet jibqa' jseħħ u fl-eżistenza tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell ta' l-atturi u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.